



Brussell, 10 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

14638/18

COASI 264	ONU 107
ASIE 63	WTO 327
CFSP/PESC 1160	RECH 524
CSDP/PSDC 717	DIGIT 244
RELEX 1062	CLIMA 246
COHOM 166	ENER 427
ASEM 11	ENV 862
TRANS 625	MAR 193
MIGR 216	COTER 174
EDUC 459	CYBER 309
CULT 161	REGIO 144
DEVGEN 232	CONOP 112
SUSTDEV 23	COMAR 32

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14634/18

Suġġett: Strateġija tal-UE dwar l-Indja
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Diċembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja, kif adottati mill-Kunsill fit-3662 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Diċembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE dwar l-Indja

1. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tas-Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indja, ibbażata fuq valuri kondiviżi ta' demokrazija, stat ta' dritt, rispettt għad-drittijiet tal-bniedem, impenn għal ordni globali bbażat fuq ir-regoli u multilateraliżmu effettiv, żvilupp sostenibbli u interess komuni biex tiġi żviluppata aktar il-kooperazzjoni bilaterali f'kull rispettt.
2. Il-Kunsill japprova l-Komunikazzjoni Konġunta "Elementi għal Strateġija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Indja" mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea, li, flimkien ma dawn il-konklużjonijiet, tipprovdi l-qafas ta' politika għall-impenn aktar fil-fond u wiesgħa tal-UE mal-Indja tul is-snin li ġejjin.
3. Il-Kunsill jara l-artikolazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Indja bħala opportunità siewja għall-Indja u l-UE biex joqorbu lejn xulxin u biex tistgħana l-kooperazzjoni bilaterali tagħhom għall-benefiċċju reċiproku taċ-ċittadini tagħhom.
4. Il-Kunsill jilqa' r-rwol u r-responsabbiltà li qed jikbru tal-Indja fix-xena globali, permezz tal-politika barranija ambizzjuża tagħha u l-ekonomija tagħha li qed tikber malajr. Permezz tas-Sħubija Strateġika tagħhom, l-UE u l-Indja għandhom l-għan li flimkien jippromwovu l-paċi u s-sigurtà, u jsaħħu l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli.
5. L-UE u l-Indja huma difensuri kbar tal-multilateraliżmu man-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fil-qalba tagħha. Sabiex tippromwovi multilateraliżmu effettiv, l-UE ser tfittex li tikkoordina l-pożizzjonijiet mal-Indja biex tindirizza sfidi komuni u kwistjonijiet globali, partikolarment fin-NU, il-G20, id-WTO u fora multilaterali oħra. L-UE tinsab lesta biex issegwi inizzjattivi konġunti, kemm bilateralmment kif ukoll fil-livell tan-NU, dwar l-aspetti kollha ta' interess komuni, notevolment it-tibdil fil-klima, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u d-drittijiet tat-tfal, kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

6. Kooperazzjoni akbar tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-prosperità taż-żewġ sħab, kif ukoll għall-impenn konġunt tagħhom lejn l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. L-UE hija sieħeb ewlieni għall-modernizzazzjoni sostenibbli tal-Indja u l-integrazzjoni tagħha fl-ekonomija globali. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żviluppata aktar din is-sħubija u jappoġġa l-proposti li saru fil-Komunikazzjoni Konġunta f'dan ir-rigward.
7. Is-sħubija bejn l-UE u l-Indja għandha tibbenefika minn ambjent tan-negozju mtejjeb fl-Indja, aċċess imsaħħaħ u ġust għas-suq, allinjament mal-istandards u l-prattiki internazzjonali, l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-protezzjoni tal-investment. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ fil-ħidma lejn ftehim komprensiv, ambizzjuż u ta' benefiċċju reċiproku mal-Indja dwar il-kummerċ u l-investment, inkluż komponent b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli u dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Qafas ġdid għall-protezzjoni tal-investment f'konformità mal-approċċ tal-UE jattira wkoll aktar investimenti tal-UE lejn l-Indja. Għandu jiġi stabbilit djalogu ministerjali ta' livell għoli regolari sabiex tiġi avvanzata l-aġenda komuni u ambizzjuża dwar il-kooperazzjoni fil-qasam ekonomiku, kummerċjali, tal-investment, u tal-kooperazzjoni regolatorja.
8. Il-Kunsill jilqa' l-investimenti Indjani msaħħa fl-Ewropa bħala sors ta' dinamiżmu ekonomiku. Il-kooperazzjoni għandha titrawwem permezz ta' summits kummerċjali regolari.
9. Il-kooperazzjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż dwar kwistjonijiet regolatorji, hija kruċjali biex jiġu trattati b'mod konġunt l-isfidi globali, filwaqt li tappoġġa l-modernizzazzjoni sostenibbli tal-Indja, il-ftuħ ta' opportunitajiet ta' negozju u ż-żieda tal-eċċellenza xjentifika u l-kompetittività. Il-kooperazzjoni dwar il-kultura, l-edukazzjoni u t-turiżmu ser tkun imħeġġa aktar sabiex tagħti benefiċċji soċjali u ekonomiċi.

10. L-UE u l-Indja huma promoturi ewlenin ta' ekonomija diġitali li għandha l-għan li ttejjeb il-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini u n-negozji, issaħħaħ l-inklużività u l-parteċipazzjoni tal-persuni kollha, b'mod partikolari tan-nisa, iż-żgħażaġh u l-persuni minn żoni rurali remoti. Il-Kunsill iħeġġeġ kooperazzjoni regolatorja akbar bil-għan li tiffaċilita l-flussi tad-data waqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali, kif ukoll il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li japplikaw online kif ukoll offline.
11. Waqt li jagħraf il-potenzjal kbir għal tkabbir u prosperità fl-Asja, il-Kunsill jappoġġa kooperazzjoni akbar mal-Indja biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' infrastruttura fir-reġjun. L-UE u l-Indja għandhom viżjoni komuni ta' konnettività bejn l-Ewropa u l-Asja bbażata fuq sostenibbiltà ambjentali, ekonomika, soċjali u fiskali, viżjoni li ttipprovdi livell ekwu għan-negozji, tirrispetta l-istandards internazzjonali u ssaħħaħ il-governanza tajba. L-UE ser issaħħaħ l-impenn mal-Indja dwar trasport marittimu u fuq l-art li jkun sostenibbli u reżiljenti għall-klima, kif ukoll infrastruttura ta' kwalità, inkluż permezz tal-Bank Ewropew tal-Investment, u ser tippromwovi, b'mod konġunt, attivitajiet ta' konnettività fil-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM).
12. L-UE u l-Indja għandhom sfidi komuni relatati mal-modernizzazzjoni sostenibbli tal-ekonomiji tagħhom. Il-Kunsill jilqa' l-attivitajiet konġunti biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi fil-kuntest tal-implimentazzjoni tas-Sħubiji għall-Ilma, l-Urbanizzazzjoni, l-Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi u l-Ekonomija Ċirkolari. L-UE u l-Indja jikkondividu wkoll interess komuni fl-iżgurar ta' provvista ta' enerġija sikura, sostenibbli, affordabbli u b'emissjonijiet baxxi għal kulħadd. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika u orjentata lejn ir-riżultati f'dawn l-oqsma. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għal konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali dwar l-ambjent u s-sikurezza nukleari.

13. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut tal-Indja biex titratta l-isfidi globali bħall-iżvilupp sostenibbli, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali, kif ukoll il-bijodiversità, il-governanza tal-oċeani, l-ghajjnuna umanitarja u f'każ ta' diżastru, is-sikurezza u s-sigurtà tal-ispazju u l-osservazzjoni tad-dinja. Il-kooperazzjoni dwar it-tibdil fil-klima għandha tfittex li tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Protokoll ta' Montreal. Filwaqt li jinbena fuq is-Sħubija UE-Indja dwar l-Enerġija Nadifa u l-Klima, l-istabbiliment ta' djalogu formali bejn l-UE u l-Indja dwar it-tibdil fil-klima, flimkien ma' appoġġ imsaħħaħ tal-UE għall-Alleanza Solari Internazzjonali u l-kooperazzjoni fl-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli, ikunu jikkontribwixxu għal dan il-għan. Sħubija mġedda dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha tiffaċilita r-realizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, inkluż f'pajjiżi terzi, u l-koordinazzjoni f'fora internazzjonali.
14. Il-Kunsill jappoġġa kooperazzjoni akbar mal-Indja dwar interessi ta' sigurtà komuni, bħall-għlieda kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni, iċ-ċibersigurtà, it-theddid ibridu, is-sigurtà marittima, u n-nonproliferazzjoni u d-diżarm. Il-kooperazzjoni dwar il-maniġġar ta' kriżijiet, inkluż ir-relazzjonijiet bejn il-militar, għandha tiġi segwita sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, il-valutazzjonijiet u r-risponsi komuni.
15. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Indja dwar kwistjonijiet ta' politika barranija ewlenin permezz ta' skambji regolari u koordinazzjoni, partikolarment dwar l-Iran/PAKK, l-Afganistan, l-Asja, l-Afrika, il-Lvant Nofsani, u l-protezzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jimmiraw ukoll lejn l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali fl-Asja u fl-Oċean Indjan – żona vitali għall-prosperità u s-sigurtà globali. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE biex isaħħaħ id-djalogu tiegħu dwar is-sigurtà mal-Indja u sħab oħra fir-reġjun f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni għas-sigurtà fl-Asja u mal-Asja fit-28 ta' Mejju 2018.
16. Il-Kunsill ihegġegħ approċċ konġunt aktar b'saħħtu bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri bil-ħsieb li titjieb il-koordinazzjoni, il-koeżjoni u l-effikaċja tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-Indja. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-modernizzazzjoni tal-arkitettura istituzzjonali tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja tal-1994 f'konformità mal-aspirazzjonijiet u l-isfidi globali komuni l-ġodda. Għalhekk huwa jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jirriflettu fuq l-opportunità ta' Ftehim ta' Sħubija Strateġika.

17. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet identifikati fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u waqt li jqisu tal-kompetenzi tagħhom. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija ser tiġi vvalutata mill-Kunsill kull sena.
-